MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1422/2004

**Martin Borg**

**Vs**

**Philip Pace**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn l-attur Martin Borg talab is-somma ta’ mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) rapprezentanti xoghol ta’ bbanjar ta’ fidda u tiswijiet f’strument muzikali.

Ra r-Risposta tal-konvenut Philip Pace li biha eccepixxa illi x-xoghol li sar ma kienx tal-kwalita’ pattwita u illi fiz-zmien meta l-attur kellu pussess ta’ l-istrument ghand terzi bi gwadann finanzjarju ghalih u dan minghajr il-kunsens jew approvazzjoni tal-konvenut.

Ra x-xhieda ta’ l-attur Martin Borg fejn jghid illi kien avza lill-konvenut illi ma setax ilesti x-xoghol minnufih ghaliex kellu xoghol iehor x’jaghmel u l-konvenut accetta peress li ma kienx mghaggel. Illi l-konvenut ha l-istrument u qallu li ser ihallsu izda ma rahx iktar u ghaddew sitt xhur. L-attur jghid illi kitiblu darbtejn u anki baghtlu ittra bl-avukat izda l-konvenut ma tax kasu.

Jghid illi apparti x-xoghol tieghu kien hemm anki kwistjoni ta’ *tuner*. L-attur jichad illi l-istrument tah lil haddiehor u jghid illi meta cempillu l-konvenut, l-istrument kien ghand it-*tuner*. Jghid illi l-konvenut qallu li jhallsu meta jkun komdu bhalma hu (l-attur) kien komdu biex ilestilu x-xoghol. L-attur jikkonferma li l-konvenut ha l-istrument minghand it-*tuner*.

Ra x-xhieda tal-konvenut Philip Pace fejn jghid illi dam jistenna xi sena mindu ha l-istrument ghand l-attur u li kull meta kien icempillu, l-attur kien jghidlu li qed jistenna xi *parts* minn barra. Jghid illi meta kien jistaqsi lill-attur biex jara l-istrument dan kien jghidlu li kien zarmat. Il-konvenut gie nfurmat illi l-istrument tieghu kien qieghed go kazin u cempel lill-attur biex jara l-imsemmi strument izda dan qallu biex imur hmistax wara. Illi meta ghaddew il-hmistax ix-xoghol kien ghadu mhux komplut.

Il-konvenut jghid illi ra l-istrument f’idejn haddiehor. Illi qabel ma ha l-istrument cempel lil Borg u talbu l-istrument izda l-attur qallu li ma kienx lest u l-konvenut avzah illi l-istrument kien f’idejh u kien ser jiehdu. Il-konvenut jghid illi l-imsemmi Joseph huwa bandist u mhux *tuner*.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenut jallega li x-xoghol li sar ma kienx skond il-kwalita’ pattwita. Illi l-konvenut kellu jipprezenta provi dwar din l-allegazzjoni. Illi l-konvenut naqas li jipprezenta provi ndipendenti u konvincenti dwar l-allegazzjoni tieghu. Lanqas esebixxa xi ittra fejn ilmenta dwar il-kwalita’ tax-xoghol ta’ l-attur.

It-tieni lment tal-konvenut huwa li l-attur halla l-istrument muzikali f’idejn terzi u li dam ma lesta x-xoghol. Illi l-attur

kellu l-obbligu li jaghmel ix-xoghol tieghu fi zmien ragunevoli u jiehu kura ta’ l-oggett bhala *bonus pater familias*. Illi l-attur jghid li l-istrument muzikali kien f’idejn it-*tuner*. Il-konvenut jghid li dan ma kien *tuner* xejn izda bandist u l-istess konvenut ra lil din il-persuna juza dan l-istrument muzikali f’marc.

Illi l-konvenut naqas li jixhed dwar xi danni li seta’ sofra minhabba dewmien jew minhabba l-fatt li l-istrument muzikali kien f’idejn terzi u naqas li jipprezenta xi Kontro-Talba. Il-konvenut naqas li jipprova li l-attur ghamel xi gwadann finanzjarju kif allega fir-Risposta.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta’ mija u ghaxar liri Maltin (Lm110). Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------